

# Kurżitajiet

Is-Sur Carmelo P. Baldacchino

Sa minn meta kont għadni tifel, kull meta kont nisma' xi ħaġa dwar iż-Żejtun jew li ġara xi ħaġa kont immur id-dar u kelli pitazz apposta u kont nagħmel nota dwar dik il-ħaġa, u wara kont insib xi raġel anzjan u meta kien ikolli risposta tajba kont inniżżilha bħala parti mill-istorja. Dan l-aħħar waqt li kont qiegħed infittex xi ħaġa ġie f'idejja dan il-pitazz u ġieni f'moħħi li naqsam magħkom dawn il-punti dwar l-istorja.

## Teatri, Ċini u Talkies fiż-Żejtun

### It-Teatru Flora

Fi Triq Sant'Anġlu kien hawn teatru bil-palketti, li fih kienu jsiru r-reċti bil-Malti, bit-Taljan, operetti u anke ġieli darba kummiedja bl-annimali. Dan it-teatru kien jismu Teatru Flora u kien mibni l-biċċa l-kbira tiegħu bl-injam, u kellu ħafna skultura madwar il-palketti. L-aħħar proprjetarju tat-Teatru Flora kien Mastru Anton Cassar li kien joqgħod fil-Pjazza tal-Knisja Nru 40-41. Dan it-teatru kien fil-post fejn illum jinsab il-Kunsill Lokali tal-Lokal.

### It-Teatru San Ġwann Bosco

Dan it-teatru sar fuq l-inizjattiva ta' Spir Grixti flimkien ma' sħabu meta xtraw dar għat-tagħlim tad-duttrina, u fil-ġnien imdaqqas li kien fiha din id-dar bnew il-platea mdaqqsa fejn kien isir iċ-ċini (films mingħajr sound) u aktar tard it-talkies, u t-teatrin kull nhar ta' Sibt, fejn kien hemm il-kumpanija teatrali lokali tal-post.

### It-Teatru Triumph

Dan it-teatru kien fis-sala mibnija mis-Soċjetà Orkestrali Santa Katarina, fejn kien isir it-teatrin, u ħafna attivitajiet oħra, bħal Balli tal-Karnival li kienu jattendu għalihom ħafna nies tas-servizzi Ingliżi li kien hawn fil-lokal fil-gwerra. Kien isir ukoll iċ-ċini (films mingħajr sound) u t-talkies. Aktar tard din is-soċjetà għamlet teatru ieħor miftuħ (open air) għat-talkies. Din is-soċjetà kellha l-kumpanija teatrali tagħha.

### It-Teatru Banda Beland (Teatro Nazionale)

Il-Banda Beland kellha t-teatru tagħha wkoll li fil-bidu kien isir it-teatrin fil-kantina ta' taħt il-każin, imma għal xi raġuni dawn ma baqgħux jagħmlu din l-attività. Aktar tard saqqfu l-bitħa tal-każin u bdew jagħmlu t-teatrin u xi attivitajiet oħra f'dan il-post.

### It-Teatru ta' Carabott jew ta' Balullu (Sfar Theatre)

Dan it-teatru miftuħ kien kbir mhux ħażin. Kien jinsab fi Triq il-Kostituzzjoni fejn illum hemm il-Mużew tas-subien. F''dan it-teatru kien isir iċ-ċini, u wara t-talkies, u kienu jsiru ħafna drammi bil-Malti fejn kienu jiġu l-aqwa kumpaniji teatrali ta' Malta.

### It-Teatru Banda Żejtun u wara t-Teatru Pandora

Il-Banda Żejtun kellha sala fil-każin fil-pjazza li kienet fuq u ġo fiha kien isir it-talkies. Wara xtraw ġnien imdaqqas fi Triq il-Ħerba, u bdew jagħmlu t-teatrin ġo fih u aktar tard kienu jagħmlu t-talkies fil-miftuħ, għat-teatrin kienu jġibu l-aħjar kumpaniji billi ma kellhomx tagħhom. Fuq l-inizjattiva tal-kumitat fis-snin 50 bdew jirranġaw biex jibnu teatru għat-Talkies u t-teatrin, ħadmu ħafna u sabu għajnuna siewja mill-President tagħhom il-Kaptan Serafin Xuereb li kien jislifhom il-flus. Dan it-teatru ġie msemmi Teatru Pandora fejn kien isir it-teatrin u t-talkies u attivitajiet oħra.

### It-Teatru Pavillion

Dan it-teatru kien Bir id-Deheb u kien proprjetà ta' Carmelo Morana fejn kellu teatru magħluq u ieħor miftuħ. Kien isir it-teatrin u t-talkies. Kienu jattendu x-Xlukkajri, l-Għaxqin u xi Żwieten ukoll.

It-Teatru Ġesù Nazzarenu (Sala Giuseppina Curmi)

Dan it-teatru tas-sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu mhux miftuħ għall-pubbliku imma għal xi attivitajiet tas-sorijiet u l-familjari tagħhom fejn isiru xi attivitajiet għal żmien il-Milied u xi ħaġa oħra matul is-sena.

## It-Teatru Carlo Diacono

Dan it-teatru jinsab fl-iskola Liceo Carlo Diacono fejn l-istudenti li jattendu f'dan il-Liceo jagħmlu l-attivitajiet tagħhom fosthom anke xi attivitajiet teatrali, u xi sports.

Dan l-aħħar dan it-teatru beda jintuża minn xi attivisti tat-teatru Żwieten li tant ilhom jixtiequ li jerġgħu jqajmu l-kultura teatrali f'dan il-lokal.

Fiċ-ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika Ġuvintur Nazju Falzon għadu jeżisti. Teatru żgħir għall-użu tal-membri. Bosta kienu dawk il-membri dilettanti tal-palk li jafu l-bidu tagħhom hawnhekk fosthom Trevor Zahra u France Zahra.

## Kont taf li:

- L-Parroċċa tagħna kellha tinbena fejn illum hemm Pjazza Carlo Diacono u bħala tifkira kien hemm statwa ta' Santa Katarina ġo niċċa skolpita li ġiet imneħħija biex infetħet it-Triq Vjal il-25 ta' Novembru fl-1953 u li din l-istatwa kellha titpoġġa postha, imma baqgħet ma tpoġġietx.
- L-Parroċċa tagħna kellha tkun iddedikata lil Santa Marija Assunta, biex ma jkunx hawn tnejn lil Santa Katarina, imma meta kienet kważi lesta l-Katidral kellu drittijiet fuq il-qadima u rieda f'idejh għalhekk iddedikawha lil Santa Katarina avolja kienu diġà skolpew fuq il-kwadru maġġur, fil-kor statwa tal-Madonna u anke stilel mal-pilastri.
- L-ewwel ġebla tal-parroċċa tpoġġiet fil-25 ta' Novembru 1692 mill-Isqof Cocco Palmieri.
- Nfetħet għall-ewwel darba mill-istess Isqof fl-1708 għalkemm ma kinitx lesta għal kollox.
- L-parroċċa tagħna hija twila 110 piedi, wiesa 30 u għolja 153 piedi.
- L-parroċċa kellha koppla għamla ta' skutella bħal dik ta' Santa Katarina msejħa ta' San Girgor, ġiet mibnija kif inhi llum fi żmien l-Arċipriet Degabriele, u li damet tinbena ħames xhur biss. Dan ix-xogħol sar minħabba ta' Żarina, u Carmenu Vella tal-Ġgant, u ġiet imbierka mill-Isqof Angelo Portelli O. P. Vig. Gen. fl-istess sena.
- L-parroċċa kellha tkun twila sa tarf iz-zuntier u kellha tiġi b'ħames arkati fil-korsija, u li ma kellhiex navi, imma minħabba li l-ġebel beda jħoss ġie mnaqqas it-tul u ġew mibnija n-navi bħala dniefel għal forza għax beżgħu li tista' tiġġarraf.
- L-benefattur tal-Parroċċa kien in-Nobbli Girgor Bonnici li minn flusu nbniet il-parroċċa.
- Girgor Bonici miet ta' 85 sena fl-1697 bla ma ra l-parroċċa lesta kif xtaq hu.
- Meta miet Girgor Bonici, fuq xewqtu, it-toroq li kellu jgħaddi l-funeral minnhom ġew armati kollha bid-damask iswed, u wara fuq xewqtu ġew imqassma lill-fqar tal-parroċċa biex jagħmlu lbiesi minnu.
- Billi l-knisja kellha tkun għamla ta' salib biss il-kampnari kellhom jiġu fuq il-parti ta' wara tal-knisja. Infatti nstab it-taraġ meta għamlu n-niċeċ tar-Redentur u tal-monument fl-1956.
- Meta Malta talbet il-kenn tal-Kuruna Ingliża biex teħles mill-okkupazzjoni Franċiża fl-1799 il-Gvern Ingliż ried li jżomm id-dritt li jaħtar lill-awtoritajiet tal-knisja huwa jew li jkollhom l-approvazzjoni tiegħu imma kemm l-awtorità tal-knisja u kemm il-Maltin ma ridux iċedu għal dan, u l-Maltin kienu ser jerġgħu jirvellaw kontra l-Ingliżi sakemm il-kwistjoni wara ħafna snin inqatgħet mill-Vatikan favur l-Ingilterra.
- Ż-Żejtun kien wieħed mill-ftit pajjiżi li ntlaqgħat minn din il-kwistjoni għax wara l-mewt tal-Kappillan Dun Bert Sant fl-1937, dan ir-raħal dam sentejn mingħajr kappillan sakemm sar Dun Paul Ellul JUD minn Bormla fl-1839 approvat mill-Gvern Ingliż.
- S-Sedja l-ħamra hija privileġġ uniku li parroċċi oħra m'għandhomx, din is-sedja kien ġieba Mons. Isqof Mattei li kien joqgħod iż-Żejtun flok id-Domus u billi kien spiss jattendi għal funzjonijiet mill-kor għamel din is-sedja għalih. Sedji oħrajn ħomor jinsabu fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, fil-Katidral tal-Imdina u San Pawl tal-Belt billi hija s-sedja uffiċjali tal-Isqof ta' Malta. Parroċċi oħra jġibu sedja ħadra.
- Santa Katarina kienu jerfgħuha n-nies li jaħdmu fil-faħam u li l-flus li kienu jaqilgħu minn dan ix-xogħol matul is-sena kienu l-vapuri bil-faħam kienu qegħdin jiskarsaw sew imma daħal vapur faħam nhar Santa Katarina, iż-Żwieten riedu jħalluh billi kienet il-festa imma l-Arċipriet qallhom li Santa Katarina tiġi kull sena imma vapur ieħor ma jafux meta ser jidħol għalhekk bagħathom jaħdmuh u meta jlestuh jiġu għall-festa u jerfgħu l-istatwa. Meta l-Purċissjoni kienet waslet ħdejn l-għassa waslu l-ħaddiema tal-faħam u l-Arċipriet tahom li jkomplu jerfgħu l-vara sal-knisja bil-ħwejjeġ tax-xogħol u mġemdin bil-faħam sakemm daħħlu l-istatwa ġol-Knisja.
- Qabel sar iz-zuntier tal-Knisja kien hemm rampa iebsa biex in-nies tan-naħa t'isfel jitilgħu għall-knisja, tant li kienu jagħmlu ħabel minn fejn hemm il-posta għal mal-bieb tal-knisja biex in-nies iżommu miegħu minħabba l-għadajjar u r-riħ.
- Z-Zuntier tal-Knisja ġie ċċangat bil-ġebel tal-qawwi fl-1917 minn fdalijiet tal-fortizzi li kuntrattur Żejtuni Farrugia tad-Dubra kien ġab iż-Żejtun għal dan il-għan.

- Qabel il-gwerra l-munita ta' tliet ħabbiet 1/4d kienet skarsat sew mill-idejn u billi kienet importanti għall-knisja għax kont tħallas 1/4d għas-siġġu il-prokuratur għamel numru mhux ħażin ta' pjanċi tondi bil-kelma Żejtun fuqhom li kienu jitfgħu fit-tapsina flok tliet ħabbiet jew li tingħata bqija biex l-għada terġa' titfa' lilha, imma ġara li din il-munita ħarġet barra l-knisja u bdiet tingħata bqija u tintefaq fil-ħwienet taż-Żejtun, għalhekk l-Awtorità Ċivili żammewha milli tintuża billi kienet munita falza.
- L-Fundispizju tal-parroċċa kien iġġarraf b'terremot u kellu jinbena mill-ġdid u li kien reġa' ħass b'terremot ieħor fl-1972.
- L-Parroċċa ma ġietx misruqa mill-Franċiżi minħabba l-idea ta' Micheal Cachia li ħalla l-bibien tal-knisja miftuħa u li jitilgħu ħafna nies fuq il-bejt tagħha biex jiddefenduha bit-tfigħ tal-ġebel, li tpoġġa arblu wara l-fundispizju b'bandiera miegħu tant li l-Franċiżi baqgħu għaddejjin għax ħasbuha fortizza, għalkemm kienu diġà serqu ħafna affarijiet minnha xi żmien qabel.
- D-damask tal-parroċċa sar fi żmien il-Kappillan Dun Paul Ellul.
- L-lampier tal-festa ġie maħdum minn kwantità ta' muniti tal-fidda li ġew imdewba wara li ġew mogħtija minn żewġt aħwa xebbiet ta' 'Glawdin' għal dan il-għan u li sewa s-somma ta' £560, l-istess aħwa għamlu minn flushom il-qanpiena imsejħa għalihom ta' Glawdin.
- L-Parroċċa taż-Żejtun kienet imsejħa l-Katidral tal-Lvant minħabba li kien hawn kappillan fqir ħafna u ma kellux bhima u kien xwejjaħ ħafna u kien talab lill-Isqof jeżentah milli jitla' l-Imdina għall-funzjoni ta' Ħadd il-Palm li kienet issir fil-katidral biss u l-Isqof tah permess li jagħmel din il-funzjoni fiż-Żejtun u jiġbor lil ta' madwaru għall-funzjoni.
- L-istatwa ta' Santa Katarina ġiet irranġata fl-1929 minn Mastru Ġużè Caruana billi qabel kellha t-toppu u kella bżonn xi restawr u żebgħa.
- D-dawl elettriku ġie mdaħħal fil-parroċċa fl-1926.
- L-istatwa ta' San Ġużepp kienet ħadet l-ewwel f'kompetizzjoni tal-arti li saret f'Milan qabel ġiet iż-Żejtun fl-1907.
- Fil-gwerra kien hemm il-blast walls quddiem il-bibien tal-parroċċa li kienu jgħattu l-bibien kollha.
- Minħabba l-attakki tat-Torok spissi s-Sagrament kien jiġi trasferit kuljum minn Santa Katarina l-antika għall-Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Biżbut.
- L-Knisja ta' Santa Katarina l-Antika kienet ġiet mibdula fi sptar fi żmien il-Franċiżi u l-istess knisja kienet ġiet użata mill-Ingliżi bħala store għall-affarijiet tal-ikel fi żmien il-gwerra.
- Qabel bdiet issir il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun kien isir pageant fuq iz-zuntier tal-knisja.
- L-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu nxtraw mingħand il-patrijiet ta' Ġieżu ftit aktar minn mitt skud.
- L-Ecce Homo li hemm fil-Knisja tal-Ispirtu s-Santu u r-Redentur li hemm ġo niċċa fit-triq ta' Marsaxlokk kienu jagħmlu parti mill-purċissjoni taż-Żejtun.
- L-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet tgħaddi minn Triq Ħabel ix-Xgħir u din spiċċat fl-1933 meta infetħet Triq Santu Wistin. L-anġli tal-Monument kellhom il-ġwienaħ jinqalgħu minħabba li ma kienx jgħaddi minn triq Ħabel ix-Xgħir bihom u b'hekk kienu jdawruh wiċċu mal-ħajt.
- L-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kienu jintrefgħu fi knejjes żgħar għax ma kienx hemm spazju fil-parroċċa qabel ma rranġaw il-maħżen u wara nbena l-blokk ta' maġenb il-knisja (1956). Il-bradelli kienu jintrefgħu fil-garaxx Nru 2 Triq Santu Wistin.
- L-awtorità kienet żammet il-permess tal-banda li ma tistax iddum aktar mit-tmienja ta' filgħaxija mal-purċissjoni, u malli daqqu t-tmienja l-banda ġiet ordnata toħroġ mill-purċissjoni u tal-Vara l-Kbira niżżlu l-intervent tal-Arċipriet Psaila u s-Sindku Curmi li qal li l-banda kienet parti mill-purċissjoni u permess għall-purċissjoni kellu, għalhekk reġgħet daħlet il-banda u l-purċissjoni tkompliet.
- L-Ort kien ġie mibdul imma ma ntgħoġobx billi kien goff ħafna u kellu ħames anġli fosthom tnejn minnhom kienu ġos-siġra taż-żebbuġ.
- Sal-1955 kienet issir il-prietka ta' tliet sigħat billi kienu jtellgħu l-vara l-kbira fuq il-Presbiterju, u min-nofsinhar sat-tlieta kienet issir il-prietka u xi mużika fl-intervall, l-aħħar li saret kienet fl-1955 minn Patri Alfons Caruana miż-Żejtun.
- San Kalment inbena minn Klement Tabone fl-1658.
- Sant'Anġlu nbena minn Girgor Bonnici fl-1670.
- Sant'Antnin inbena minn Abdrea Palladini fl-1675.
- L-Ispirtu s-Santu nbena minn Ġanni Cassar fl-1688.
- Santa Marija tal-Ħlas inbniet flok oħra antika mill-poplu fl-1692.
- Santa Marija ta' Ħal Tmiem inbniet minn Leonardu Tabone fl-1597.
- San Gaetanu nbena ftit wara li ġie ddikjarat qaddis San Geatanu minn Ġorġ Mamo fl-1657.
- Tal-Ħniena ġiet irranġata minn Dun Ġwann Tabone fl-1865.
- L-Qalb ta' Marija bnietha s-sinjura Conti Manduca fl-1881.
- Tal-Bon Kunsill mill-Markiż Nerik Testaferrata fl-1750.
- Ma' dawn ta' min isemmi l-knisja tal-Lunzjata ta' Bisqallin li m'għadhiex teżisti u dik ta' Ħal Ġwann iddedikata lil San Ġwann li m'għadhiex teżisti.

- Fiż-Żejtun kien hawn tliet baned.
- Meta l-Banda Beland u l-Orkestra Sta Katarina kienu mpikati sewwa darba lejliet il-festa ta' Santa Katarinà riedu li l-banda tagħhom tispiċċa l-aħħar u kull meta tispiċċa waħda terġa' tibda l-oħra tant li n-nies kienu ġejjin għall-quddiesa tal-ewwel u sabu li l-baned għadhom idoqqu sakemm ġew imwaqqfa mill-awtorità u s-sena ta' wara l-Awtorità ma tatx permess lill-baned li jdoqqu minħabba l-inċidenti tas-sena ta' qabel, imma s-surmast Diacono qal lill-bandisti jiġu xorta u kien se jdoqqu fil-gallerija tiegħu imma l-banda l-oħra semgħet b'din l-aħbar u ftiehmet ma' ta' Fitett biex idoqq fuq il-bejt tagħhom, u bdew jarmaw iż-żewġ postijiet bil-palm, meta l-awtorità rat hekk tagħthom permesss lit-tnejn imma bil-ħin li jridu jispiċċaw.
- Dik id-dar li hemm ħdejn il-Knisja ta' Santa Katarina l-Antika kienet id-dar tal-Kappillan tar-raħal u li sa ftit snin ilu kien għadu jidher kurċifiss skolpit mal-ġebel tal-gallarija.
- Fi Triq Santa Katarina għad hemm id-dar tal-Gran Mastru Perellos, fi Triq San Ġwann Sqaq No. 4 hemm id-dar tal-Familja Bonici, fi Triq Dun Michael Cassar hemm it-tempju li għandu kappella fuq u isfel hemm xi ċelel ukoll.
- Il-palazz mal-knisja tal-Bon Kunsill mibni fl-1660 tal-Familja Bonici fi Triq Xejba hemm palazz tal-Familja Testaferrata di Noto.
- Quddiem id-Domus hemm id-dar bl-arma tal-Kavallieri
- Fi Triq San Ġwann hemm id-dar tal-Falkunier ta' żmien l-ordni
- Fi Triq Villa Cagliares No. 25 hemm ir-residenza tas-sajf tal-Isqof Cagliares
- Id-Domus kien ir-residenza tal-Isqof Mattei.
- Fi Sqaq Sant'Anġlu twieled Michael Cachia
- Fi Sqaq San Bastjan twieled l-Isqof Antoninu Zahra OP
- Fi Triq San Ġwann Sqaq No 3 kienet il-biċċerija tad-Distrett.
- Fi Triq Santa Marija hemm id-dar fejn trabba l-Isqof Ġorġ Caruana.
- Fi Triq l-Isqof Galea kienu sabu Villa Rumana
- Fi Triq Santa Marija kien hemm ix-xaqq ta' Atilla dan sar billi meta bnew hemm kienu miġġieldin u anqas il-bini ma riedu li jmiss ma' xulxin.
- Fuq id-dar 42 Pjazza Girgor Bonici ttellgħet it-tieni Bandiera Ingliża f'Malta wara dik ta' Vinċenż Borg f'Birkirkara billi kien joqgħod hemm Michael Cachia u kien stieden lill-Ammiral Ingliż li daħal bil-flotta f'Marsaxlokk u dan aċċetta li jmur għat-te għandu.
- L-mazetta ħamra tal-Kappillan kien ġabha Dun Tumas Cirillo Formosa Żejtuni li kien Ruma jiddefendi lilu nnifsu fuq rapport kontrih u meta rebaħ ġab dan il-privileġġ.
- Ż-Żejtun kien hawn skola tal-Ibrajk flok is-Sorijiet tal-Ispirtu Santu.
- L-ewwel skola b'xejn f'Malta nbdiet minn Dun Alwiġ Camilleri flok is-sorijiet tal-Ispirtu s-Santu billi bl-għajnuna tal-Kappillan u tal-Konslu Spanjol kien jiġbor it-tfal u jgħallimhom imma ġara li anke l-kbar bdew imorru. Meta nbniet l-iskola Governattiva l-gvern ried li jżomm din li skola wkoll u daħlu l-qorti u l-kawża ntrebħet mill-kitba li hemm mal-vellistrun PŻF Popolo Żejtun Fecit.
- Fl-1904 kien hawn fabbrika tan-nar li splodiet u mietu erba' persuni Żwieten li kienu jaħdmu n-nar għall-festa, dan ġara waqt il-quddiesa tal-għaxra ta' filgħodu għax kieku kien ikun hemm ferm aktar vittmi, imma wieħed li kien hemm Carmelu Caruana ta' Lawdu mal-isplużżjoni ntradam taħt bieba u baqa' ħaj sa ħafna snin wara.
- Ċ-Ċimiterju ta' Santu Rokku kien jidfnu fih il-mejtin tal-pesta fl-1813 u dan dam magħluq għal mitt sena wara.
- Ċ-Ċimiterju ta' Santa Katarina kienu jidfnu fih il-mejtin li jkollhom mard li jittieħed u kien ikun diżunur għall-familja li xi ħadd minn qrabathom jindifen hemm għax kulħadd ikun jaf li kellu mard infettiv.
- Meta miet Dun Ġwann Tabone tal-għaġin kien talab li jiġi midfun hemm u wara kulħadd ried li jidfen lil tal-familja ħdejn Dun Ġwann Tabone.
- L-Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Biżbut isibuha tal-ħlas minħabba dak il-bambin li hemm fuq l-artal, u li kien jieħduh għal min ikun se jkollu tarbija u jmissuh ma' żaqqha biex ikollha ħlas tajjeb.
- L-Għaqda Mużikali Beland ħarġet mill-orkestra tal-familja Diacono li kellhom qabel l-1834 u wara saret banda, l-bidu ta' din is-soċjetà. Kien fi Triq Santa Marija, u wara marru ħdejn is-Salvatur sakemm akkwistaw id-dar preżenti f'xi 2 Triq Santa Katarina.
- L-orkestra Santa Katarina qabel kienet banda u kellha d-dar fi Triq Santa Katarina, il-post fejn qegħdin illum kienet id-dar tal-Arċipriet Psaila.
- Fi Triq San Pawl għadu jidher it-Torri Vendome li kien inbena fi żmien l-ordni ta' San Ġwann.

Wara li qrajtu dawn in-noti ta' tfuliti li ħafna minnhom u anke jien ma niftakrux dawn l-avvenimenti u naħseb li ħriġtu sodisfatti taqsmu miegħi dawn il-ftit versi li din is-sena qsamt magħkom u nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba liż-Żwieten kollha.

